**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 25 ta' Frar 2016**

Rikors Guramentat Nru. 142 / 14RGM

Kawza fil-lista: 6

**A B C D**
**vs**
**L-Avukat Mark Mifsud Cutajar u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer permezz ta' digriet datat 16 ta' Settembru 2014 gew nominati kuraturi deputati biex jirrapresentaw lill-assenti E B C**

**Il-Qorti,**

**Preambolu**
Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attrici fit-3 ta' Lulju 2014 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi l-kontendenti izzewgu fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Ottubru elfejn u disgha (2009);

Illi l-kontendenti minn dana iz-zwieg kellhom tifel F li twieled fit-tlettax (13) ta' April elfejn u tnax (2012);

Illi l-intimat telaq minn dawn il-gzejjer f'Novembru elfejn u hdax (2011) u qata kull kuntatt ma' l-esponenti u l-wild minuri;

Illi ghalhekk l-intimat abbanduna lir-rikorrenti minghajr ebda raguni valida ghal perjodu ta' aktar minn sentejn.

Illi r-rikorrent talab u ottjena l-awtorizzazjoni mehtieqa sabiex jpprocedi f'din l-istanza;

Illi ma hemmx lok ghal rikonciljazzjoni u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Tghid ghalhekk l-intimat ghar-ragunijiet premessi, ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex:

Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba, li a tenur tal-artikolu 41 tal-Kap 16 tal-Ligiiiet ta’ Malta, l-intimat abbanduna lir-rikorrenti minghajr ebda raguni valida ghal perjodu ta’ aktar minn sentjen;

Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri F li twieled fit-tlettax (13) ta’ April elfejn u tnax (2012) tigi affidatata esklussivament lir-rikorrenti;

Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u jekk ikun il-kaz, tillikwida l-istess .

Bl-ispejjez tal-prezenti kontra l-intimat illi hu minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi, li ddikjaraw li m’humiex edotti mill-fatti, rrizervaw li jippresentaw eccezzjonijiet ulterjuri u talbu lir-rikorrenti informazzjoni dwar l-indirizz tal-konvenut;

Rat l-inkartament u d-digriet fejn l-attrici giet ammessa ghall-Beficcju tal-ghajnuna legali;

Rat id-digriet tas-16 ta’ Settembru 2014 fejn gew nominati kuraturi biex jirrappresentaw lill-konvenut li hu assenti;

Rat in-nota tal-attrici tad-9 ta’ Ottubru 2015 li maghha gew annessi l-affidavit tal-attrici, kif ukoll  dak ta’ Ryan D, Suprina Abbes Scerri u Rita D;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**IL-PROVI.**

L-**attrici A B C D** xhedet bil-mezz ta' affidavit.[1] Iddikjarat li meta kienet tghix mar-ragel, il-konvenut, kienu joqghodu fil-fond 19 Desdemona Triq Lorenzo Gafa', Siggiewi, li kien minnhom okkupat b'titolu ta' kera, pero' hi telqet minn dan il-fond f'Gunju 2013 meta hu kien gia' telaq minn Malta. Wara marret tghix b'kera fil-fond Orkida, Flat 7, Triq Santa Margerita Siggiewi. Iltaqghet mal-konvenut f'Tunez, f'Lulju 2005 u zzewgu fl-24 ta' Ottubru 2009. Gew jghixu f'Malta izda hu lanqas qalilhom lill-familja tieghu billi dawn rieduh jizzewweg mara musulmana. Kellhom tifel li twieled fit-13 ta' April 2012. L-attrici tistqarr li z-zwieg taghhom kien normali, ghalkemm il-konvenut kien jghdilha li xtaq jirritorna Tunez hdejn ommu, izda hi ma kinitx taqbel.

F'Settembru 2011 kienu marru cruise flimkien u meta skopriet li kienet qed tistenna tarbija, it-tnejn kienu ferhanin tant li kien jakkompanjaha ghall-vizti medici.

Fit-2 ta' Novembru 2011 il-konvenut qalilha li kien ser imur Tunez ghall-gimgha, biex izur lill-familjari tieghu, haga li kien gieli jaghmel u kien jiehu bagoll mimli rigali. Fil-bidu kienet sejra mieghu, pero' billi ftit qabel kienu siefru u billi kellha erba' xhur tqala ma marritx. Wasslitu l-Airport, qalilha li kien ser jaraha wara gimgha, izda dak inhar li kellu jirritorna fid-9 ta' Novembru 2011 cempillha u qalilha li ma kienx gej lura billi ommu haditlu l-passaport. Dak il-hin ftakret li habiba taghha, Suprina Abbes Scerri, kellha tkun fuq l-istess titjira, u cemplitilha biex tistaqsiha jekk zewgha kienx l-ajruport biex jigi lura Malta u din ikkonfermatilha li ma kienx hemm.

Minn dak inhar il-konvenut qata' kull kuntatt mal-attrici. F'Jannar 2012, meta kellha sitt xhur tqala rat post fuq facebook li kien juri t-tieg tar-ragel taghha ma' mara ohra. Dik il-gurnata l-attrici tilfet kull tama li l-konvenut jerga' jirritorna Malta. Hi ppruvat tikkomunika mieghu fuq in-numru tal-mobile phone li kellha tieghu, izda dan kien maqtuh u ma kellhiex numri tal-familjari tieghu, billi qatt ma kellhom pjacir biha.

Il-konvenut qatt ma ra lill-ibnu li llum ghandu tlett snin u qatt ma vversa manteniment ghalih. Flus il-bank qatt ma kellhom, u dejn lanqas ma ghandhom. L-attrici qed titlob li peress li sew hi kif ukoll iB il-partijiet gew abbandunati il-kura u kustodja tal-minuri ghandha tigi fdata lilha.

**Ryan D,** hu l-attrici, xhed bil-mezz tal-affidavit. Iddikjara illi kien jaf li ir-ragel ta' ohtu kellu jmur it-Tunezija ghall-gimgha biex jara lill-familjari tieghu, dan kien f'Novembru 2011. F'dak iz-zmien kienet cemplitlu ohtu, l-attrici, li qaltlu li zewgha ma kienx gej lura. Dak iz-zmien kellha circa erba' xhur tqala. Lill-

[1] Fol 47

konvenut qatt ma rega' rah, ma jafx fejn hu u sa fejn jaf hu qatt ma rega' gie lura Malta.

**Suprina Abbes Scerri**, habiba tal-attrici, fl-affidavit taghha kkonfermat li hi u zewgha f'Ottubru 2011 marru Tunez biex jzuru xi familjari, u kellhom jigu lura fid-9 ta' Novembru 2011. Meta kienet fl-Airport, biex tirritorna Malta rceviet telefonata minn ghand l-attrici li staqsitha jekk zewgha kienx hemm billi kien qalilha li ma kienx gej lura u suppost kellu jirritorna b'dik it-titjiera. Hi rrisponditha li ma kienx hemm, u meta waslet Malta cemplitilha biex tikkonfermalha. Hi ddikjarat li qatt ma regghet rat lill-konvenut.

**Rita D**, omm l-attrici, fl-affidavit taghha, kkonfermat li l-konvenut kien ilu jghix Malta xi sentejn u f'Novembru 2011 mar Tunez ghall-gimgha biex jara l-familjari tieghu u dak inhar li kellu jirritorna cempel lill-attrici u qalilha li ma kienx gej lura ghax ommu haditlu l-passaport. Hi ddikjarat li ma basritx li kien ser jaghmel hekk billi kienu marru cruise, u hi marret maghhom, u kien jidher kuntent li kienet qed tistenna tarbija, billi anki ghall-vizti kien jmur maghha. Ikkonfermat li l-partijiet kienu zzewgu bil-mohbi tal-familjari tal-konvenut peress li familtu ma kienux accettaw lill-attrici. Hi kkonkludiet li minn dak iz-zmien il-konvenut qata' kull kuntatt ma' bintha, l-attrici,qatt ma regghet ratu jew kellmitu u ma tafx fejn jinsab.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

Il-kontendenti zzewgu fl-24 ta' Ottobru 2009, u kellhom tifel, F, li twieled fit-13 ta' April 2012. Il-konvenut mar Tunez f'Novembru 2011, kellu jirritorna f'zmien gimgha, izda dak inhar stess li kellu jirritorna cempel lill-attrici u qalilha li ma kienx gej lura, qalilha li ommu hadidtlu l-passaport. Minn dik n-nhar, l-attrici qatt ma rnexxhielha terga' tikkomunika mieghu. Fl-affidavit taghha qalet li minn facebook saret taf li l-konvenut zzewweg mara ohra. Minn Novembru 2011 sallum il-konvenut ma rritornax Malta u qatt ma rega' kkomunika mal-attrici. Ir-rikors promotorju gie pprezentat fit -3 ta' Lulju 2014.

L-**Artikolu 41 tal-Kapitolu 16** jghid hekk:

"Kull wahda mill-partijiet mizzewga tista' ukoll titlob il-firda jekk, ghal sentejn jew izjed, tkun abbondonata mill-ohra, minghajr raguni tajba".

Dan l-artikolu japplika perfettament ghall-fattispeci li rrizultaw f'dan il-kas. Irrizulta abbondantement ppruvat li l-konvenut, 'minghajr raguni tajba' abbanduna lill-martu, li kienet qed tistenna tarbija minnu, u mid-9 ta' Novembru 2011 qatt ma pprova b'xi mod jikkommunika maghha, anzi intenzjonalment ikkancella il-linja tal-mobile phone li kellu u li kienet taf bih l-attrici, u addirittura izzewweg mara ohra gewwa pajjizu. Dan ma jhalli l-ebda dubbju li meta l-

konvenut mar Tunez fit-2 ta' Novembru 2011 ma kellu l-ebda intenzjoni li jirritorna Malta biex jghix ma l-attrici bhala familja flimkien mat-tarbija li kienu qed jistennew.

Ma irrizultax li l-partijiet kellhom propjeta' immobiljari. Meta kienu ghadhom flimkien kienu jghixu f'fond mikri, u wara li l-konvenut abbandunaha permanentement l-attrici kriet post iehor. Ma kellhomx flus il-Bank u ma ghandhomx dejn. Il-minuri jghix ma' l-attrici, ommu u l-konvenut qatt ma rah u qatt ma wera l-ebda interess fih.

Fic-cirkostanzi t-talbiet attrici jirrizultaw abbondantement ippruvati u jimmeritaw li jigu milqugha.

Il-Qorti, ghalhekk qed taqta' u tiddecidi din il-kawza billi prevja li tiddisponi mir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati,

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan billi zewgha, l-konvenut abbanduna lill-attrici ghal periodu ta' aktar minn sentejn, minghajr ebda raguni valida, u dan a tenur tal-Artikolu 41 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta'Malta;

2. Tilqa' it-tieni talba attrici u tordna li l-kura u l- kustodja tal-minuri F, li twieled fit-13 ta' April 2012, tkun affidata esklussivament f'idejn l-attrici.

3. Tilqa' t-tielet talba attrici, tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tastjeni milli tillikwida l-istess peress li mill-atti jirrizulta li ma hemm l-ebda assi komuni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut b'dan illi l-ispejjez tal-kuraturi deputati ghandhom jithallsu provvizorjament mill-attrici.

**Imhallef** **Deputat Registratur**